

31990R2203

L 201/5

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.7.1990

**IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2203/90****ta' 1-24 ta' Lulju 1990**

**li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1581/86 li jistabbilixxi regoli ġeneralni dwar l-intervent fis-suq taċ-ċereali u r-Regolamenti Nru 724/67/KEE u (KEE) Nru 2754/78 dwar l-intervent fis-suq taż-żjut u tax-xaħmijiet**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċereali (¹), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1340/90 (²), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE tat-22 ta' Settembru 1966 dwar l-istabbiliment ta' organizzazzjoni komuni tas-suq taż-żjut u x-xaħmijiet (³), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2902/89 (⁴), u b'mod partikolari l-Artikoli 12(3) u 26(2) tiegħu,

Wara li kunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi karatteristika tas-setturi tal-Komunità taċ-ċereali u taż-żjut taż-żebbuġa hi l-iżbilanċ strutturali bejn il-provvista u d-domanda; billi t-tfittxija għal modi ta' użu ġoddha hija mezz xieraq biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni;

Billi, f'dawn iż-żewġ setturi u fis-settur taż-żerriegħa taż-żejt, it-tfittxija għal użu mhux għall-ikel hija mezz tajjeb sabiex jinfetħu prospetti ġoddha għall-agrikoltura tal-Komunità;

Billi t-tfittxija għal swieq ġoddha għaċ-ċereali u ż-żjut u x-xaħmijiet barra s-settur ta' l-ikel għandha b'hekk tiġi appoġġjata; billi dan l-appoġġ jista' jinvolvi li ċ-ċereali u ż-żjut u x-xaħmijiet miż-żmura mill-ġażnejji ta' l-intervent jitpoġġew għad-dispożizzjoni tar-riċerkaturi fuq termini favorevoli stabbiliti minn qabel għall-eżekuzzjoni tal-proġetti approvati skond proċedura li tiżgura kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni;

Billi din il-kooperazzjoni tista' titwettaq taħt il-Kumitat Permanenti għar-Riċerka Agrikola;

Billi huwa għalhekk xieraq li jiġi emendat ir-Regolament (KEE) Nru 1581/86 (⁵), kif emendat bir-Regolament (KEE) Nru 195/89 (⁶), ir-Regolament Nru 724/67/KEE (⁷), kif l-aħħar

emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1230/89 (⁸), u r-Regolament (KEE) Nru 2754/78 (⁹),

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

**L-Artikolu 1**

1. L-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 1581/86 huwa mibdul b'dan li ġej:

**"L-Artikolu 4**

1. Iċ-ċereali għandhom jinxtraw mill-ġażnejji ta' l-intervent bl-iskop li jitwettqu l-obblighi li jirriżultaw mill-għoti ta' kuntratti ta' forniment ta' ghajjnuna Komunitarja fir-rigward ta' l-ikel taħt ftehim internazzjonali jew taħt programmi supplimentari oħra, bi prezziżiet u skond ir-regoli dettaljati ta' l-implementazzjoni stabbiliti minn qabel.

2. L-ġażnejji ta' l-intervent jistgħu jiġu awtorizzati, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 2727/75, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1340/90 (⁹), sabiex ibiegħu, bi prezzi stabbiliti minn qabel b'rata standard, il-kwantitajiet taċ-ċereali meħtieġa biex jit-wettqu proġetti sabiex jintwerew forom ġodda ta' użu għal skopijiet li m'għandhomx x'jaqsmu ma l-ikel u li jkunu approvati mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1728/74 (\*\*), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 (\*\*\*).

3. Jekk iċ-ċirkostanzi speċjalji jkunu hekk jeħtieġu, il-Kunsill, waqt li jagħixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jistabbilixxi proċeduri għall-bejħ għajr dawk stabbiliti fl-Artikolu 3.

4. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 26 tar-Regolament (KEE) Nru 27/27/75.

(\*) ĠU L 134, tat-28.5.1990, p. 1.

(\*\*) ĠU L 182, tal-5.7.1974, p. 1.

(\*\*\*) ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8."

2. Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2754/78:

"1a. L-ġażnejji ta' l-intervent jistgħu jkunu awtorizzati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38 tar-Regolament (KEE) Nru 136/66/KEE kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE)

(⁸) ĠU L 128, tal-11.5.1989, p. 23.

(⁹) ĠU L 331, tat-28.11.1978, p. 13.

(¹) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.

(²) ĠU L 134, tat-28.5.1990, p. 1.

(³) ĠU L 172, tat-30.9.1966, p. 3025/66.

(⁴) ĠU L 280, tad-29.9.1989, p. 2.

(⁵) ĠU L 139, ta' l-24.5.1986, p. 2.

(⁶) ĠU L 25, tat-28.1.1989, p. 22.

(⁷) ĠU 252, tad-19.10.1967, p. 10.

Nru 2902/89 (\*), sabiex ibiegħu, bi prezz stabbilit bir-rata standard bil-quddiem, il-kwantitajiet taż-żejt taż-żebbuġa meħtieġa biex jitwettqu l-proġetti sabiex jintwerew forom ġodda ta' użu għal skopijiet li m'għandhomx x'jaqsmu ma l-ikel approvati mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilitafl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1728/74 (\*\*), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 (\*\*\*) .

Għandhom jiġi adottati regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 136/66/KEE.

(\*) ĠU L 280, tad-29.9.1989, p. 2.

(\*\*) ĠU L 182, tal-5.7.1974, p. 1.

(\*\*\*) ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.”

3. Fl-Artikolu 2a tar-Regolament Nru 724/67/KEE, il-kliem preżenti għandu jsir il-paragrafu 1 u l-paragrafu li ġej huwa miżjud:

“2. L-aġenziji ta' intervent jistgħu jiġi awtorizzati, skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38 tar-Regolament

Nru 136/66/KEE, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2902/89 (\*), biex ibiegħu, bi prezz stabbilit bir-rata standardbil-quddiem, il-kwantitajiet taż-żerriegħa taż-żejt meħtieġa biex jitwettqu l-proġetti biex juru forom ta' użu ġdid għal skopijiet li m'għandhomx x'jaqsmu ma l-ikel u approvati mill-Kummissjoni skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 1728/74 (\*\*), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3768/85 (\*\*\*) .

Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu għandhom jiġi adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38 tar-Regolament Nru 136/66/KEE.

(\*) ĠU L 280, tad-29.9.1989, p. 2.

(\*\*) ĠU L 182, tal-5.7.1974, p. 1.

(\*\*\*) ĠU L 362, tal-31.12.1985, p. 8.”

## L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħi fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Lulju 1990.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. MANNINO